Messaġġ mill-Arċipriet u Direttur Dun Mario Tong

Ta' kull sena niċċelebraw il-festa ta' Marija Immakulata. Festa li tfakkarna kemm il-Mulej għamel ħwejjeġ kbar ma' Marija ta' Nażaret, sa mill-ewwel mumenti tal-eżistenza tagħha, sa minn qabel twelidha. Fi kliemha stess " Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu".

Din hi grazzja, rigal li Marija rċeviet. L-għażla tagħha, is-sejħa giet minn fuq.

Aħna wkoll ningħaqdu ta' spiss ma' Gabriel u nsellmulha bl-istess kliem: "Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija… imbierka inti fost in-nisa". Inbierku lill-Marija mhux biss għax irċeviet il-grazzja mingħand il-Mulej, imma wkoll għax hi laqgħet din il-grazzja, kibret fiha u kkoperat bl-aktar mod sħiħ. Min-naħa tagħha qalet 'iva' lil Alla u qatt ma reġgħet lura minn kelmtha.

L-Oratorju tal-Bniet – kif nafuh aħna – hu ddedikat lil Marija Immakulata. Mhux biss biex ikollu isem, imma biex Marija tkun il-mudell u l-eżempju ta' dawk li jattendu f'dan il-post. Fl-Oratorju jattendu tfal u żgħażagh bniet ta' kull eta' biex jisimgħu t-tħabbira tal-Kelma ta' Alla u biex jiffurmaw ruħhom bħala nsara; bħal Marija jkunu kapaċi lil Alla jgħidulu iva għat-tajjeb kollu li jrid minnhom.

Waqt li niċċelebraw il-Festa ta' Marija Immakulata, irrid nirringrazzja lil Alla għall-ġid kollu li jsir f'dan il-post. Inrodd ħajr ukoll lil dawk kollha li b'dedikazzjoni u sagrifiċċju jagħtu sehemhom biex dan il-post ikun ta' ġid għal dawk kollha li jiffrekwentawh.

Programm
Festa tal-Kunċizzjoni
2010

L-Erbgħa 1 ta' Diċembru

Fis-6.30pm

Quddiesa mill-Kan.Arċ. A. Camilleri

għall-membri, katekisti, ex-membri u

benefatturi tal-Oratorju.

Il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru fis-6.30pm

Ċelebrazzjoni Marjana għall-istudenti.

Is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 ta' Diċembru

Serata mill-Kor Shalom

fis-Sala Papa Wojtyla

It-Tnejn 6 ta' Diċembru fil-4.45pm

Adorazzjoni fis-Sala Papa Wojtyla

għat-tfal tad-duttrina

L-Erbgħa 8 ta' Diċembru
Jum il-Festa

Fil-Knisja Arċipretali

Fid-9.30am

Rużarju

Fl-10.00am

Quddiesa

Mir-Rev. Arċ. Dun Mario Tong

bis-sehem tal-Kor Shalom

Mistednin jieħdu sehem b'mod speċjali t-tfal, l-istudenti u l-membri tal-Oratorju flimkien mal-ġenituri tagħhom.

Katina ta' Rużarju

quddiem Ġesu` Sagramentat

Fis-Sala Papa Wojtyla

3.00pm – Imexxu l-membri nisa AK

3.30pm –Tfal tad-duttrina u katekisti

4.00pm – Membri kbar tal-Oratorju

4.30pm – Studenti u żgħażagħ

Fil-5.00pm – Adorazzjoni, Għasar u Barka Sagramentali

X'sar ġdid fl-Oratorju Marija Immakulata

Kif tidħol fl-Oratorju min-naħa tal-ġnien u tersaq lejn il-grawnd, mal-ġenb fejn hemm il-barbarella, issib tilqgħek figura sabiħa 'life size' tal-Madonna. Din ġiet ġentilment mogħtija lill-Oratorju minn Manwel Vella. Il-Madonna dawwarnieha bil-bankijiet tal-ġebel u l-post fejn tpoġġiet sibnieh eżatt fejn tant tfal u żgħażagħ iqattgħu l-ħin liberu tagħhom.

Inħass il-bżonn mill-katekisti li fil-kmamar tad-duttrina ikun hemm 'cupboards' fejn il-katekisti jkunu jistgħu jpoġġu fihom l-apparat li jużaw għat-tagħlim tad-duttrina. Lestejna nofshom u l-oħrajn dalwaqt ikunu lesti wkoll.

Bħal kull sena fis-sajf induru dawra mal-post u naraw x'hemm bżonn. Din is-sena rranġajna l-intrata fejn parti minnha għamilniha fuq il-fil. Żbajna xi twieqi u bibien. Ksejna ċ-ċnut kollha tal-bjut bil-membrane għax sibna li kien dieħel l-ilma tax-xita.

Napprezzaw ħafna l-għajnuna li tant ġenituri jagħtu lill-Oratorju. Inwegħduhom it-talb tagħna.

Ikun xieraq li intom ġenituri flimkien mat-tfal tagħkom, studenti, membri, ex membri u ħbieb tieħdu sehem fil-programm qasir li fassalna għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Parti minn talba lill-Madonna
Ta' San Modestu
Patrijarka ta' Ġerusalemm

Sliem għalik,
Omm l-iktar Qaddisa
ta' Alla, Feddej tagħna,
li permezz tiegħek,
ġie jgħix magħna
biex aħna ngħixu miegħu.

Sliem għalik,
Omm t' Alla
Meqjuma u bla tebgħa
Dak li mill-għoli smewwiet
Mingħajr ma ħalla l-ġenna
ġie fi ħdanek
qisu f'għamartu
hu l-istess Kristu l-Mulej
li għamlek denja
li tgħaddi minn din l-art
għad-dar tas-sema
li Hu permezz tiegħek
ta wkoll lill-qaddisin
li kienu qaddejja tiegħu.

Oratorju
Marija Immakulata
Mosta

L-istatwa l-ġdida tal-Madonna li tinsab fil-ġnien tal-Oratorju.

Kunċizzjoni 2010